Minuti – Laqgħa Ad Hoc
Il-Ġimgħa, 9 ta' Mejju, 2013 fil-2.30pm.

Preżenti għal-laqgħa:

| | |
|---|---|
| Saviour Borg | Sindku |
| Carmel Farrugia | Kunsillier |
| Horace Micallef | Kunsillier |
| Mario Mercieca | Kunsillier |
| Victor Cefai | Viċi-Sindku |
| Amanda Abela | A/Segretarju Eżekuttiv |

1. **Talba**

Il-laqgħa bdiet b'talba mis-Sindku Saviour Borg.

2. **Bord tal-għażla għal Segretarju Eżekuttiv**

Is-SE informat lil preżenti li ġiet imsejħa din il-laqgħa peress li l-Viċi Sindku, informa lis-SE ma ma jixtieqx jkun aktar membru fil-bord tal-għażla tas-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid. Il-Kunsillier Horace Micallef staqsa lil Victor Cefai għaliex ma xtaqx joqgħod fil-bord tal-għażla. Victor irrisponda li minħabba raġunijiet personali

Is-sindku qal li huwa qed jinnomina lis-Sja Josephine Borg biex tieħu post Victor Cefai fil-bord tal-għażla.

Horace qal ukoll li mhux lok li s-Sindku jinnomina lil persuna oħra, meta fil-laqgħa preċidenti huwa kien innomina lil Angele Vella, u wara votazzjoni ntgħażlet Joanna Caruana biex tkun membru fil-bord. Is-Sindku qal li Angele Vella ma tistax tkun parti mill-bord peress li hija l-avukata tad-Dipartiment, u f'kaz t'appell tiġi f'kunflitt t'interess.

Horace Micallef qal li m'huwiex ġust li l-bord ikun kompost minn 4 membri li nnomina s-Sindku. Għalhekk il-Kunsill iddeċieda li titneħħa persuna mill-bord biex ikun kompost minn tlett membri. Il-Kunsill qabel li minħabba fini ta' flessibiltà għal-laqgħat titneħħa Johanna Caruana.

S. Borg


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

## 3. Tmiem il-laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fl-3.00pm.

| | |
|---|---|
| Amanda Abela | Saviour Borg |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Sindku |



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555